**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li s-setgħat tar-rappreżentant għall-pretensjonijiet jinkludu li huwa awtorizzat jirċievi notifiki għan-nom tal-impriża ta' assigurazzjoni b'tali mod li, fil-kuntest ta' proċeduri mibdija mill-persuna leża kontra l-impriża ta' assigurazzjoni sabiex tikseb kumpens għal inċident, notifika ġudizzjarja indirizzata lir-rappreżentat maħtur mill-imsemmija impriża tista' titqies bħala li ġiet innotifikata lil din tal-aħħar b'mod validu?

F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

(2) L-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2009/103 jipproduċi effett dirett tali li l-persuna leża tista' tipprevalixxi ruħha minnu quddiem il-qorti nazzjonali, b'tali mod li din tal-aħħar jkollha titlaq mill-prinċipju li n-notifika indirizzata lir-rappreżentant għall-pretensjonijiet fil-kwalità tiegħu ta' "rappreżentant" tal-impriża ta' assigurazzjoni ġiet innotifikata lilha b'mod validu, minkejja li r-rappreżentant ma kienx tqabbad b'mod konvenzjonali sabiex jirċievi notifiki u minkejja li d-dritt nazzjonali ma jipprevedix mandat legali f'każ bħal dan, iżda altrimenti n-notifika tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti mid-dritt nazzjonali?

[1] ĠU L 263, p. 11.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Central Administrativo Norte (il-Portugall) fis-27 ta' Ġunju 2012 — Maria Albertina Gomes Viana Novo et vs Fundo de Garantia Salarial, IP

**(Kawża C-309/12)**

(2012/C 287/35)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Central Administrativo Norte

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Maria Albertina Gomes Viana Novo, Ezequiel Martins Dias, Gabriel Inácio da Silva Fontes, Marcelino Jorge dos Santos Simões, Manuel Dourado Eusébio, Alberto Martins Mineiro, Armindo Gomes de Faria, José Fontes Cambas, Alberto Martins do Alto, José Manuel Silva Correia, Marilde Marisa Moreira Marques Moita, José Rodrigues Salgado Almeida, Carlos Manuel Sousa Oliveira, Manuel da Costa Moreira, Paulo da Costa Moreira, José Manuel Serra da Fonseca, Ademar Daniel Lourenço Dias, Ana Mafalda Azevedo Martins Ferreira

*Konvenut:* Fundo de Garantia Salarial, IP

**Domanda preliminari**

Id-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest konkret tal-garanzija tal-krediti salarjali fil-każ tal-insolvenza tal-persuna li timpjega, b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 10 tad-Dirttiva 80/987/KEE [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tiggarantixxi biss il-krediti li saru eżiġibbli fis-sitt xhur ta' qabel il-preżentata ta' rikors sabiex tiġi kkonstatata l-insolvenza tal-persuna li timpjega anki meta l-ħaddiema jkunu ressqu kawża quddiem it-tribunal industrijali kontra min jimpjeghom sabiex jiksbu l-iffissar ġudizzjarju tal-ammont mhux imħallas u l-irkupru forzat ta' dan l-ammont?

[1] Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 217)

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeitsgerichts Nienburg (il-Ġermanja) fis-27 ta' Ġunju 2012 — Heinz Kassner vs Mittelweser-Tiefbau GmbH & Co. KG

**(Kawża C-311/12)**

(2012/C 287/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Arbeitsgerichts Nienburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Heinz Kassner

*Konvenuta:* Mittelweser-Tiefbau GmbH & Co. KG

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta" u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE [1], tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2003/88/KE") għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li, f'ċerti setturi, it-tul tal-leave annwali minimu ta' erba' ġimgħat jista' jitnaqqas permezz ta' ftehim kollettiv?

(2) L-Artikolu 31 tal-Karta u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li jiġi provdut, permezz ta' ftehim kollettiv, li tnaqqis fir-remunerazzjoni kkawżat matul il-perijodu ta' riferiment minħabba waqfien

parzjali mix-xogħol, ġranet ta' xogħol mitlufa jew l-assenza involontarja tal-ħaddiem mix-xogħol jittieħu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ħlas tal-leave, hekk li l-konsegwenza hija li l-ħaddiem ma jirċievi ebda kumpens ta' leave għat-tul tal-leave annwali minimu ta' erba' ġimgħat jew ebda kumpens finanzjarju ta' leave mhux meħud fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol?

(3) Fil-każ li d-domanda 2 tingħata risposta affermattiva, l-Artikolu 31 tal-Karta u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li tippermetti li jiġi provdut, permezz ta' ftehim kollettiv, li tnaqqis fir-remunerazzjoni kkawżat matul il-perijodu ta' riferiment minħabba waqfien parzjali mix-xogħol, ġranet ta' xogħol mitlufa jew l-assenza involontarja tal-ħaddiem mix-xogħol jittieħu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-ħlas tal-leave, hekk li l-konsegwenza hija li l-ħaddiem jirċievi, għat-tul tal-leave annwali minimu ta' erba' ġimgħat, kumpens ta' leave — jew, fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, kumpens finanzjarju ta' leave mhux meħud — inqas minn dak li kien jirċievi kieku ttieħed abbażi tar-remunerazzjoni medja li kien jibbenefika minnha matul il-perijodu ta' riferiment mingħajr tali tnaqqis fir-remunerazzjoini? Fil-każ ta' riposta affermattiva, sa liema perċentwali massimu, ikkalkolat skont ir-remunerazzjoni medja mhux imnaqqsa tal-ħaddiem, il-kumpens tal-leave jista' jitnaqqas permezz ta' ftehim kollettiv fil-każ ta' waqfien parzjali mix-xogħol, ġranet ta' xogħol mitlufa jew l-assenza involontarja tal-ħaddiem mix-xogħol matul il-perijodu ta' riferiment, sabiex id-dispożizzjoni nazzjonali li tawtorizza tali tnaqqis tkun konformi mad-dritt tal-Unjoni?

(4) L-Artikolu 31 tal-Karta u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu d-dispożizzjoni nazzjonali ta' ftehim kollettiv li tipprovdi li, għall-perijodi tas-sena li matulhom il-ħaddiem bil-leave tal-mard la rċieva remunerazzjoni u lanqas kumpens għal mard jew għal diżabbiltà, huwa ma jakkwista l-ebda dritt għal leave, sa fejn dan ikollu l-konsegwenza li l-ħaddiem jkollu dritt għal inqas minn erba' ġimgħat ta' leave annwali?

(5) L-Artikolu 31 tal-Karta u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu d-dispożizzjoni nazzjonali ta' ftehim kollettiv li tipprovdi li, għas-snin li matulhom, wara ġranet ta' xogħol mitlufa jew ta' assenza involontarja tal-ħaddiem mix-xogħol, b'mod partikolari minħabba mard, ebda salarju gross ma ġie effettivament riċevut, ma hemm l-ebda dritt għal kumpens ta' leave jew, fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol, ta' dritt għal kumpens finazjarju ta' leave mhux meħud?

(6) L-Artikolu 31 tal-Karta u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu d-dispożizzjoni nazzjonali ta' ftehim kollettiv li tipprovdi li d-drittijiet għal leave u d-drittijiet għal kumpens finanzjarju għal leave mhux meħud jintilfu fl-iskadenza tas-sena kalendarja li tiġi eżatt wara s-sena li fiha jkunu akkwistati d-drittijiet għal kumpens, u b'hekk tiġi limitata l-possibbiltà għal ħaddiem li jkun inkapaċi għal xogħol matul diversi perijodi ta' riferiment suċċessivi li jakkumula drittijiet għal leave annwali mħallas? Fil-każ ta' risposta affermattiva, id-dritt tal-Unjoni huwa applikat aħjar u b'mod ikar effikaċi fid-dritt nazzjonali meta tali dispożizzjoni tal-ftehim tibqa' mhux applikata għal kollox jew meta hija interpretata skont id-dritt tal-Unjoni, billi jiġi ssostitwit għall-perijodu annwali, perijodu speċifiku li huwa itwal?

(7) Fil-każ li waħda jew iktar mid-domandi 1 sa 5 tingħata risposta affermattiva: il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' ċertezza legali u l-prinċipju ta' non retroattività jimponu li tiġi limitata *ratione temporis* il-possibbiltà għall-persuni kkonċernati kollha li jistrieħu fuq l-interpretazzjoni, mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tad-deċiżjoni preliminari adottata f'din il-proċedura, tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 tal-Karta u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE, sa fejn il-ġurisprudenza tal-ogħla qrati nazzjonali kienu minn qabel iddeċidew li d-dispożizzjonijiet rilevanti nazzjonali li jinsabu fil-liġi u l-ftehim kollettiv ma jistgħux ikunu suġġetti għal interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni? Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta negattiva għal din id-domanda: huwa kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni li qrati nazzjonali jipproteġu, abbażi tad-dritt nazzjonali, l-aspettattivi leġittimi ta' persuni li jimpjegaw li straħu fuq iż-żamma tal-ġurispdudenza tal-ogħla qrati nazzjonali, jew il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi hija riżervata biss għall-Qorti tal-Ġustizzja?

(1) Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Huy (il-Belġju) fit-28 ta' Ġunju 2012 — Agim Ajdini vs État belge, Service des Allocations aux Handicapés**

**(Kawża C-312/12)**

(2012/C 287/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail de Huy